OMBUDSMAN

MALTA

**Każ Nru OMB-24-4570**

3 ta' Settembru 2025

L-Onorevoli Prim Ministru
Uffiċċju tal-Prim Ministru
Berġa ta' Kastilja
Pjazza ta' Kastilja
Valletta

L-Onorevoli Prim Ministru

Skont l-Artikolu 22(4) tal-Att dwar l-Ombudsman (Kap. 385), nixtieq niġbed l-attenzjoni tiegħek għall-Opinjoni Finali maħruġa minn dan l-Uffiċċju fis-27 ta' Mejju 2025 (kopja mehmuża), wara lment imressaq mill-Azzjoni Kattolika Maltija.

Wara investigazzjoni bir-reqqa dwar l-ilment, dan l-Uffiċċju ddetermina li l-ilment kien ġustifikat. Instab li l-Ministeru għall-Kultura, l-Artijiet u l-Gvern Lokali kien wettaq att ta' inġustizzja u diskriminazzjoni improprja kontra l-Azzjoni Kattolika Maltija billi pprovda għotjiet lil diversi *media houses* mingħajr ma estenda trattament ekwivalenti lill-*complainaint*.

Minkejja r-rakkomandazzjoni tiegħi li l-Ministeru jindirizza din l-inġustizzja billi jħallas l-għotja lill-*complainant* din ma ġietx implimentata.

Fid-dawl ta' dawn iċ-ċirkustanzi, qed nirreferi l-kwistjoni lilek bit-tama li tista' tiġi solvuta permezz tal-intervent tiegħek, u b'hekk tevita l-ħtieġa għal azzjoni ulterjuri skont l-Artikolu 22(4) tal-Att imsemmi hawn fuq.

Inselli għalik

Imħallef Joseph Zammit McKeon
Ombudsman

Dokumenti annessi:

Office of the Ombudsman | 11, St Paul Street, Valletta VLT 1210, Malta
Phone: +356 2248 3210 | Fax: +356 2124 7924 | Email: office@ombudsman.org.mt www.ombudsman.org.mt

1. Email mingħand is-Segretarju Permanenti, Ministeru għall-Kultura, l-Artijiet u l-Gvern Lokali datata 21 ta’ Awwissu 2025.

2. Email lis-Segretarju Permanenti, Ministeru għall-Kultura, l-Artijiet u l-Gvern Lokali mingħand dan l-Uffiċċju datata 20 ta’ Awwissu 2025.

3. Risposta lill-Ministeru għall-Kultura, l-Artijiet u l-Gvern Lokali mingħand l-Uffiċċju tal-Ombudsman datata 30 ta’ Ġunju 2025.

4. Email mingħand il-Ministeru għall-Kultura, l-Artijiet u l-Gvern Lokali datata 27 ta’ Ġunju 2025.

5. Opinjoni Finali datata 27 ta’ Mejju 2025.